MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2015

Numru. 12/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Jason (Jason – Emanuel) Mallia**

Numru 12/2015

Illum 24 ta' Marzu 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Jason (Jason – Emanuel) Mallia**, ta' sitta u tletin (36) sena, iben Thomas u

Antonia neé Buttigieg, imwieled Pietà, fit-8 ta' April 1977, u residenti Blokk Numru 1, Flat 9, Triq il-Fosos, Floriana, numru tal-Karta tal-Identita` 257477(M), akkuzat talli waqt li kien qieghed fi Triq l-Imgarr, Qala, Ghawdex, nhar 1 ta' Awwissu 2013 ghall-habta ta' 4.45p.m u fil-granet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. kellu fil-pussess tieghu droga ristretta u psikotropika (*ecstasy*), kontenenti, s-sustanza (*methlenedioxyamphetamine*) li hija kkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti (a) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizazzjoni u permess bl-imsemmija ligi, sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok. "C")

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, l-istqarrija rilaxxata minnu, u l-fedina penali (Dok. "B") tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985, kif ukoll Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) u Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat Jason (Jason – Emanuel) Mallia hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tmien (8) xhur mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala Dok. "G" taħt il-ħarsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------